**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrate Dr. Doreen Clarke LL.D.**

**Illum, 09 ta' Jannar, 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lara Butters)**

**vs**

**Akram Mahmoud**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Akram Mahmoud, u detentur ta' Numru tal-pulizija 19I-071;

Akkuzat talli fit- 08 ta' Jannar, 2020 u jew fil- jiem, gimghat jew xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-gzejjer;

Kellu f'idejh Passaport, maħruġ minn awtorità kompetenti, cioé Passaport tal-Gambia, maħruġ f'isem Cherno Ndure, jew li, ittrasferixxa dan il-passaport lil persuna oħra jew irċieva passaport li ġie ittrasferit lilu minn persuna oħra (Kap 61, Sec 3 tal-Liġijiet ta' Malta);

U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel użu jew ittanta jagħmel użu minn Passaport maħruġ lil persuna oħra, cioé dak diġa imsemmi (Kap 61, Sec 4 tal-Liġijiet ta' Malta);

U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi ta prospet falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lil-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1c) tal-Liġijiet ta' Malta)

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali netta tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 3 u 4 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 32(1)(c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u taghhom tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRATE**